IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1957

# IL-MALTI FL-ISKEJJEL

*META mat-tlieta u għoxrin sena ilu l-Malti daħal bħala lsien uffiċjali fil-Qrati, kif ukoll bħala lsien ta' tagħlim fl-iskejjel (sew Primarji kemm Sekondarji), kif ukoll imbagħad fl-Università, aħna ħadna daqsxejn tan-nifs, għax qalbna kienet qiegħda ttaqtaq u titħasseb jekk, wara tant u tant ħidma biex wieħed iwaqqaf alfabet u ortografija waħda, is-sistema tal-Għaqda kellhiex fl-aħħarnett tiġġarraf u tmut il-mewta rqiqa rqiqa ta' sħabha ta' żmien l-imgħoddi. Aħna għalhekk fraħna, u iktar u iktar imbagħad fraħna u serraħna rasna meta s-sistema tal-kitba tal-Għaqda daħlet uffiċjalment fil-pubblikazzjonijiet tal-Gvern, fil-kotba ta' l-iskejjel, kif flaħħarnett fl-istampa u f'kull kitba popolari. Illum ma ssibx gurnal jew ktieb li ma taraħx miktub bl-ortografija tal-Għaqda, saħansitra f'kull kartellun ta' mal-ħitan.*

*Minn mindu deher l-ewwel darba l-organu tagħna "Il-Malti" fl-1925 sa disa' snin wara, aħna bħala Xirka Letterarja Maltija konna weħidna libsin b'qoxra ġdida li kienet tagħżilna minn dik il-kitba mżewqa u mlaqqta tal-kittieba l-oħra tal-Malti li qatt ma setgħet isseħħ għax nieqsa minn ftehim ta' prinċipji sodi skond ma titlob is-sengħa grammatikali tal-lsien letterarju.*

*Mar-riformi fl-użu uffiċjali u skolastiku tal-Malti, aħna staħjilna li għall-Malti nbena bħal palazz kbir li fih Ilsienna kellu jkollu dak il-ġieħ u dawk id-drittijiet li għallanqas kellu u sallum għad għandu xi lsien barrani, sew bħala lsien kulturali, kemm bħala lsien ta' l-Imperu; iżda 'l hawn u 'l hinn għall-Malti ġie li l-ajru, għall-ewwel hekk sabiħ u ċar, beda minn sena għal oħra jinkesa b'xi sħaba sewda, u, għalkemm xi drabi minn fuq ix-xefaq ma bdejniex nisimgħu t-tkarwit ta' xi ragħda b'tehdida ta' maltempijiet kbar. Il-ħeġġa għall-Malti ġie li bdiet tnin u f'xi skejjel privati kienet nieqsa għal kollox, għax saħansitra t-tagħlim tal-Malti kien imħolli barra mis-*

*sillabu tagħhom, u li kieku ma kienitx il-fehma soda ta' xi wħud u l-leħen qawwi tagħna bħala xirka ta' propaganda akkademika, li, b'rieda qawwija; għenu mhux ftit biex il-Malti jibqa' jgawdi d-drittijiet tiegħu, id-destin tal-Malti bħala materja ta' tagħlim kien ikun fil-periklu.*

*B'daqakollu, ma nistgħux ngħidu, bħalma stqarrejna bosta drabi, li aħna mexjin fuq art soda u sħiħa. Il-Kostituzzjoni ġdida ta' tlieta u għoxrin sena ilu, offriet lill-Malti palazz kbir u sabiħ biex jibda jgħix fih kif jistħoqqlu, iżda l-mezzi biex bihom igħix fih għas-seħħ mhumiex biżżejjed, u qatt ma kienu biżżejjed; nistgħu ngħidu, bħalma stqarrejna, li ġie waqtiet li dawn il-mezzi naqqsuhomlu. biex ma ngħidux ċaħduhomlu; u l-lum hu dmir tagħna, Membri tal-Għaqda, u ta' kull min iħobb il-Malti, li naħdmu b'ħiltna kollha għall-ġid ta' lsienna.*

*Aħna ma stagħġibniex meta fir-rapport fuq l-Edukazzjoni f'Malta minn D. Crichton Miller qrajna xi fehmiet tiegħu li ma jaqblux ma' tagħna, l-iktar fejn wera li "l-Malti m'għandux jiġi studjat minn student komuni 'l fuq minn dak li hu mitlub mis-sillabu ta' l-eżami ta' Oxford, u li l-Malti għandu jittieħed sa ċertu pont, bħala studju ta' grad għoli minn dawk l-istudenti biss li jkunu sejrin jkomplu l-istudji tagħhom fil-Fakultà ta' l-Arti l-Università, u li għallinqas għandu jkun hemm xi ftit studenti li jistudjaw il-Ilsien Nazzjonali bħala suġġett ta' erudizzjoni"; iżda stagħġibna mhux ftit meta qrajna sew sew filbidu tal-paragrafu li jitkellem fuq il-kwistjoni tat-tagħlim tal-Malti illi fl-iskejjel sew primarji kemm sekondarji qed jinħela bosta żmien fl-istudju tal-Malti. Jekk wieħed iħares lejn is-sillabi u l-ħinijiet tat-tagħlim tal-Malti u jqabbilhom ma' dawk ta' l-Ingliż u xi lsien ieħor barrani, għandu jsib li dan mhu xejn minnu. Nistgħu ngħidu iżda, li ġie żmien illi t-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel primarji ma kienx jikkunsisti ħlief f'xi qari fuq fuq mingħajr ebda prinċipji grammatikali. L-għaġeb tagħna kien wisq akbar meta s-Sur Crichton kompla jgħid li xi wħud (kif għandna naħsbu nies ta' ċerta importanza) is-suġġerewlu biex it-tagħlim tal-Malti jitnaqqas, l-iktar fl-iskejjel sekondarji. Fraħna mill-banda l-oħra li dan is-suġġeriment (li qatt qatt ma stennejnieh minn nies Maltin li forsi għandhom*

*schem mit-tagħlim fl-iskejjel) ma ġiex milqugħ għal kollox mis-Crichton Miller. Min hu responsabbli ta' l-edukazzjoni elementari kien jagħmel ħaġa sewwa li flok dan is-suġġeriment isib ieħor wisq iżjed ta' fejda u ħtieġa, li hu dak li l-Malti, bħalma hu l-Ingliż, ikun wieħed mis-suġġetti għad-dħul fl-iskejjel sekondarji, sabiex it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel elementari ikun ta' pedament iżjed sħiħ għal dawk li jkollhom ikomplu jistudjawh fl-iskejjel sekondarji.*

*Aħna ma nistennewx illi t-tagħlim tal-Malti għandu jkun ta' reqqa akkademika għall-istudenti kollha, bħalma ngħidu aħna studenti ta' l-iskola teknika jew industrjali. Iżda m'hemmx raġuni illi student tal-liġi, kif ukoll kull student universitarju jew skrivan tal-Gvern m'għandux ikun imħarreġ tajjeb fil-kitba Maltija, meta din il-kitba daħlet uffiċjalment fil-qrati u f'kull rapport professjonali jew atti notarili, kif ukoll fl-amministrazzjoni governativa, l-iktar fl-atti ġudizzjarji. Tagħlim fuq fuq tal-Malti bi programmi ta' tagħlim superfiċjali mhux tagħlim ta' Lsien li l-lum għandu l-importanza tiegħu uffiċjali u amministrattiva. Is-sillabu ta' l-eżami ta' Oxford, fejn il-Malti jidher bħala Lsien supplementari u sekondarju, hu maħsub l-iktar għal studenti frustieri, bħalma huma l-istess Ingliżi, Franċiżi, u studenti oħra ta' nazzjonijiet oħra, li jitħajru jersqu għall-eżami ta' l-Università ta' Oxford, biex jieħdu ċertifikat, li għal dak li hu Malti, qatt mhu ta' dak il-grad li jista' jissodisfa l-ħtiġijiet ta' tagħlim Malti għall-istudent Malti. l-iktar jekk dan l-istudent ikun irid jieħu kors universitarju jew jikkompeti f'eżamijiet fis-servizz tal-Gvern għal xi post ta' grad għoli amministrativ.*

*Jeħtieġ għalhekk inħarsu d-drittijiet ta' Lsienna jekk ma rridux narawh mwarrab u minsi. Ma nħallux li dan il-għajb itellef il-ġieħ ta' Lsienna.*

